

# il-hajja ta' kristu gesu'

## IL-KELMA T'ALLA

**Giovanni 1:1-5**

Fil-bidu kien il-Verb u l-Verb kien ma' Alla u l-Verb kien Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar u xejn ma sar minghajru; kull ma sar kellu l-hajja fih u l-hajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam imma d-dlam ma ghelbux.

## 1.
## L-ANGLU TAL-MULEJ JZUR LIL ZAKKARIJA.

**Luqa 1:1-23**

Erodi l-Kbir kien isaltan fuq il-Gudea. Kien f'dan iz-zmien li s-sacerdot Zakkarija u martu Elizabetta kellhom tarbija. Li ghamel din it-tarbija specjali kien il-fatt li kemm Zakkarija kif ukoll Elizabetta kienu imdahhla fiz-zmien. Dan kien l-ewwel tarbija tifel li kellhom dawn iz-zewg genturi. U t-twelid ta' dan it-tarbija kien aktar straordinarju ghaliex it-twelid tieghu kien imhabbar minn qabel mill-anglu Gabirjel li pprofettizza li dan it-tifel kien ser ikun il-prekursur ta' Gesu' u kien ser ikun mimli bl-ispirtu ta' Elija l-profeta.

Zakkarija, kien sacerdot imdahhal fiz-zmien mit-tribu ta' Aronne. Hajtu kollha jaqdi lil Mulej fit-tempju. Martu kien jisimha Elizabetta u hija wkoll kienet gejja mill-familja tal-qassisin.

Zakkarija u Elizabetta kienu jhobbu lil Alla u jghixu biex jghogbuh f'kollox. Kienu jahsbu f'dak kollu li kien wieghed Alla lil profeti li ghexu hafna u hafna zmien qabilhom u qatt ma iddubitaw li Alla kien ser jonqos minn kelmtu. Il-weghda ta' Alla kienet li jum wiehed jibghat Feddej fid-dinja, mir-razza ta' David biex jirrenja fuq il-poplu ghal dejjem.

u martu Elizabetta kienu mdahhla fiz-zmien u Alla qatt ma tahom tfal.  Kemm-il darba talbu lil Alla biex jisma' x-xewqa taghhom imma talbhom qatt ma jinstema'. Kienu jghixu ghall-kwiet gewwa darhom u jahsbu li Alla qatt ma ried iberikom bl-ulied. Madanakollu dejjem servew lil Alla fedelment ghaliex kienu jafu li Alla dejjem jaghmel dak li hu tajjeb lil bniedem.



Zakkarija ma kienx ikun dejjem fit-tempju.  Kien hemm hafna sacerdoti u dawn kien jservu fit-tempju skond ma kien ikun imisshom. Kien hemm 24 grupp u Zakkarija kien jghodd mal-grupp ta' Abija. Meta wasallu zmienu biex iservi fit-tempju Zakkarija halla daru li kienet fuq l-gholjiet ta' Guda u mar Gerusalemm. Hemm kien jaghmel ix-xoghol li messu bix-xorti. U xoghlu kien li jahraq l-incens fuq l-artal tad-deheb, fl-ewwel kamra tat-tempju, fejn il-qassis biss seta' jidhol.

Darbtejn kuljum, filghodu u fil-ghaxija Zakkarija kienu jiehu c-censier bil-faham jaqbad u jmur fil-post qaddis biex joffri l-incens lil Alla. U waqt li kien jaghmel hekk, in-nies li kienet tigi fit-tempju biex tadura lil Alla, kienet taghmel it-talb taghha.  Din kienet tissejjah is-siegha tat-talb.

Jum wiehed waqt li Zakkarija kien qed joffri l-incens fuq l-artal tad-deheb, staghgeb mhux ftit x'hin ra anglu bilwieqfa n-naha tal-lemin ta' l-artal b'harstu fuqu.  Ghal ewwel Zakkarija beza' ghaliex qatt f'hajtu ma kellu dehra t'anglu.

Imma l-anglu qallu: " Tibzghax, Zakkarija, ghaliex it-talb tieghek instema' u martek ser ikollha iben u issemmih Giovanni.  Dan it-tfajjel ikun ghalik ta' ferh, ghaliex hu jkun kbir quddiem Alla. Huwa ma ghandu qatt jixrob imbid u jkollu l-Ispirtu tal-Mulej fuqu, u jaghtih il-qawwa li jregga' lura lill- poplu ghal ghand Alla."

Zakkarija ddubita dwar dak li qallu l-anglu ghaliex hu u martu kienu imdahhla fiz-zmien. Ghaldaqstant talab lil anglu sinjal biex jaghraf li dawn il-hwejjeg imhabbra mill-anglu setghu isehhu.

Imma l-anglu wiegeb:  " Jiena l-anglu Gabirjiel li qieghed quddiem Alla. Hu baghtni nkellmek u nwassalek din il-bxara t-tajba. U issa talli inti ma emmintx kliemi li ghad isehh meta jasal il-waqt , inti tibqa imbikkem sa ma jasal iz-zmien tat-twelid tat-tarbija."

U l-anglu gheb minn quddiemu.

Il-poplu baqa' barra jistenna u thasseb ghaliex Zakkarija ha daqshekk fit-tul biex johrog mill-post imqaddes.  Meta hareg barra ma setghax jitkellem imma bit-tixjir ta' l-idejn uriehom li kellu dehra mis-sema.

Meta ntemm iz-zmien tieghu ta' servizz, Zakkarija mar lura f'daru u baqa' ma jitkellimx sa ma twieldet it-tarbija.

## RIFLESSJONI

KOLLOX POSSIBBLI MA' ALLA......XEJN MA HEMM LI MA JISTAX ISIR.

INTELAQ F'IDEJH KULL HIN TA' HAJTEK L-AKTAR FIL-MUMENTI TAL-BZONN.

U AFDA FIH BHALMA TARBIJA TINTELAQ F'IDEJN OMMHA U MISSIERHA